

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2025

tat-18 ta' Novembru 2019

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-13 ta' Mejju 2013, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni Ewropea biex tiftaħ negozjati dwar emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku <sup>(1)</sup> (l- ICCAT). Dawn in-negozjati ġew konklużi b'suċċess f'Novembru 2018.
- (2) Il-Protokoll li jirriżulta li jemenda l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku ("il-Protokoll") huwa mistenni li jtejjeb l-effettività tal-ICCAT u jsaħħaħ il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-ispeċijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> jipprevedi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attività tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u jkunu ġestiti b'tali mod li jkun konsistenti mal-oġġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Dan jipprovdi wkoll li l-Unjoni tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u li jkollha l-għan li tiżgura li l-isfruttar ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar haġġin jirkupra l-popolazzjoni ta' speċijiet mistada u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Dan jipprovdi wkoll li l-Unjoni għandha tiegħu miżuri ta' ġestjoni u konservazzjoni bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, biex tappoġġja l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, biex telimina gradwalment il-qbid skartat u tippromwovi l-metodi ta' sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, ta' qabdiet mhux mixtieqa, għal sajd b'impatt baxx fuq l-ekosistema tal-baħar u r-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 speċifikament jipprevedi li daww l-oġġettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-tweqqif tar-relazzjonijiet tas-sajd esterni tagħha. Il-Protokoll huwa konsistenti ma' daww l-oġġettivi.
- (4) Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni Ewropea u mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà intitolata "Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna", u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-Komunikazzjoni Konġunta, il-promozzjoni ta' miżuri għall-appoġġ u t-tisħiħ tal-effettività tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u, fejn rilevanti, it-titjib tal-governanza tagħhom huwa fundamentali għall-azzjoni tal-Unjoni f'dawn il-fora. Il-Protokoll huwa kompletament konformi ma' daww il-miri.

<sup>(1)</sup> ĠU L 162, 18.6.1986, p. 34.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

- (5) Il-Protokoll jenħtieġ li jiġi ffirmat fisem l-Unjoni.
- (6) Jekk il-Protokoll jidħol fis-seħħ għall-partijiet kontraenti l-oħra qabel ma l-Unjoni tkun lestiet il-proċeduri ta' ratifika interni tagħha, dan għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-Unjoni sa minn dak id-dħul fis-seħħ, sa meta jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu għall-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku ("il-Protokoll") huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll fisem l-Unjoni.

*Artikolu 3*

Il-Protokoll għandu japplika provviżorjament mid-dħul fis-seħħ tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 13 tal-Protokoll, u skont il-kondizzjonijiet stipulati fih, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ għall-Unjoni.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2019.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
J. LEPPÄ